**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 3 ta' Marzu, 2020**

**Talba Nru: 4/2020 PM**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Simon Castillo (271371(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tlettax (13) ta' Jannar, 2020 illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn disa' mija u erbgha u hamsin ewro (€2954) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 50774597 liema somma il-konvenut baqa' ma hallasx minkejja li gie debitament interpellat, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-28 ta' Frar, 2020 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba u l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-28 ta' Frar, 2020 u fil-fatt il-konvenut ma deherx sabiex jirrispondi ghalih.

Ra wkoll in-nota t'ammissjoni prezentata mill-istess konvenut fit-28 ta' Frar, 2020 u li giet reza a konjizzjoni tat-Tribunal waqt is-seduta tal-lum. Permezz ta' din in-nota il-konvenut filwaqt li jammetti t-talba, jiddikjara li lahaq ftehim mas-socjeta` attrici permezz ta' pagamenti rateali.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra anke tenut tan-nota ta' ammissjoni tal-konvenut. Inoltre l-ammont mitlub jirrizulta dovut anke tramite d-dokumenti ezebiti in atti. In linea ma' dak deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003 (fost ohrajn) l-imghaxijiet fuq is-sorte jiddekorru min-notifika ta` l-avviz lill-konvenut stante li mill-provi prodotti rrizulta li din kienet l-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja ghall-hlas tas-somma mutluba li giet notifikata lilu fit-3 ta' Frar, 2020.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata u ammessa mill-konvenut, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma mitluba ta' ta' elfejn disa' mija u erbgha u hamsin ewro (€2954) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 50774597, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mit-3 ta' Frar, 2020 kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**